MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 107/7

It-Tlieta 24 ta' Lulju 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

107.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

107.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (104/7 [26/06/18]; 105/7 [03/07/2018]; 106/7 [06/07/18]);

107.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

107.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

107.5 Rapporti;

107.6 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2' – progress;

107.7 Monument tal-Gudja – progress;

107.8 Bye law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja – progress;

107.9 Fondi – Miżura 4.3 – Toroq rurali – aġġudikazzjoni u approvazzjoni tar-rapport u l-kuntrattur

107.10 Resurfacing ta' Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja

107.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

107.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.03pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**107.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

107.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsillier is-Sur Sammut informa lill-Kunsill li kien inqabad fuq ix-xogħol u kien sejjer jasal tard. Eventwalment is-Sur Sammut bagħat messaġġ li ma kienx sejjer jista' jattendi għal-laqgħa minħabba l-eżiġenzi tax-xogħol li ma setax jevita. Il-Kunsill qabel li għal kull buon fini tal-proċedura, is-Sur Sammut għandu jiġi konsidrat bħala skużat u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha titnaqqas ir-remunerazzjoni tiegħu dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**107.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (104/7 [26/06/18]; 105/7 [03/07/18]; 106/7 [06/07/18])**

107.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa u għalhekk kien propost u maqbul b'mod unanimu li jittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ssekonda li dawn il-minuti 104/7 tas-26 ta' Ġunju 2018, 105/7 tal-31 ta' Lulju 2018u 106/7 tas-06 ta' Lulju 2018 jiġu approvati. Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**107.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

107.3.1 Talba għall-assistenza tal-Pulizija minħabba vandaliżmu speċjalment fiż-żewġ playing fields fil-Gudja.

Is-Sindku qal li talab l-assitenza tal-Pulizija sabiex jitrażżan dan il-vandaliżmu li qed jiswa l-Kunsill ħafna flus.

107.3.2 Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana. Is-Sindku qal li flimkien mal-Perit Casha, marru fuq il-post sabiex ikun hemm aktar dettalji dwar dak meħtieġ f'dan il-proġett li qed jiġi ffinanzjat mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura. Is-Sur Baldacchino intervjenta u qal dwar il-ħtieġa li d-dawl li jkun hemm għandu jkun effiċjenti u addatat, u għalhekk jkun għaqli li l-kuntrattur tal-Kunsill jagħti pariri meħtieġa dwar id-dawl fil-ġnien għaliex fil-preżent id-dawl mhux qed ikun suffiċjenti u effettiv biżżejjed.

107.3.3 Triq Joseph Pace. Is-Sindku qal li hemm il-bżonn li titwaħħal tabella li trakkijiet jew mini buses (heavy vehicles) ma jistgħux jgħaddu minn din it-triq.

10.3.4 Triq il-Lewż – bankina madwar ħajt ta' protezzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu talba sabiex jikkonsidra t-talba sabiex issir bankina madwar dan il-ħajt liema bankina kienet sejra ddejjaq ħafna t-triq li kien għalhekk jinħoloq aktar periklu.

Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li jwieġeb billi jitlob lill-BRO għal-linji gwida kif meħtieġ.

Dwar il-ħtieġa ta' ħajt ta' protezzjoni kien hemm ukoll l-opinjoni li dan jista' jkun b'xibka apposta li tagħti l-protezzjoni meħtieġa. F'dan l-istadju l-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tagħti linji gwida sabiex il-Kunsill ikun konsistenti fid-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-ħtieġa li jinbena ħajt (hoarding wall) u li t-traffiku jkun jista' jimxi bla tfixkil filwaqt li l-pedestrians ikunu jistgħu jgħaddu minn ħdejn siti ta' kostruzzjoni bla riskju żejjed.

Il-Kunsill qabel li din it-talba għal-linji gwida għandha wkoll tintbagħat lit-TM.

107.3.5 Skip kbira qrib Ġnien tal-Kmand fi Triq Bir Miftuħ (qrib Dawret il-Gudja). Is-Sindku qal li dan l-iskip ilu fuq il-post aktar minn 15-il ġurnata u l-Kunsill ma ħareġ ebda permess dwar dan. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Pulizija sabiex tieħu l-passi meħtieġa għaliex dan l-iskip ikun ta' periklu speċjalment għal bosta persuni li jagħmlu l-mixjiet tagħhom f'dawn l-inħawi.

107.3.6 Kiosk tal-ikel (take away) f'Dawret il-Gudja fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ. Is-Sindku qal li dan il-kjosk għandu permess ta' street hawker iżda qed jikkawża periklu u tfixkil fit-traffiku minn dawk li jieqfu jixtru minn dan il-kjosk.

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Pulizija sabiex tieħu l-passi meħtieġa u li ma jkunx hemm ksur tal-liġi li twassal għal periklu u tfixkil fit-traffiku.

**107.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

107.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**107.5.0 Rapporti**

107.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Servizzi fil-ġranet tal-Festa ta' Santa Marija 2018. Is-Sur Baldacchino qal li l-kuntratturi għandhom jiġu mfakkar dwar il-ħtieġa tal-estenzjoni tas-servizzi tagħhom fil-ġranet tal-festa. Il-latrini għandhom jibqgħu miftuħa sas-1.00am. Is-servizz ta' knis għandu jiżdied fil-jiem tal-Festa ta' Santa Marija u jinġabru l-karti mill-inħawi tal-pjazza u li possibbilment jinħaslu t-toroq. Servizz ta' ġbir ta' skart. Is-Sur Baldacchino qal li l-kuntrattur għandu jiġi avżat sabiex jiġi assigurat li jsir il-ġbir ta' skart u anke ġbir ta' skart ta' karti li jkunu fit-toroq. Is-Sur Baldacchino qal li fil-Gudja rridu l-aqwa indafa speċjalment fil-jiem ta' festi. Għalhekk il-kuntratturi involuti f'dan ix-xogħol għandhom jikkollaboraw u jikkooperaw mal-Kunsill sabiex jinkiseb dak meħtieġ.

b. Estenzjoni ta' servizz ta' emerġenza tal-ġbir ta' skart domestiku. Is-Sur Baldacchino qal li fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill għandu jestendi l-ftehim ta' emerġenza preżenti għal żmien suffiċjenti li toħroġ u tiġi aġġudikata t-tender. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u fejn ikun meħtieġ jinkiseb il-permess tad-Direttur tal-Gvern Lokali iżda s-servizz tal-ġbir ta' skart għandu jkompli u jingħata mingħajr ebda interruzzjoni.

107.5.2 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Jum il-Gudja 2018. Is-Sur Caruana qal li f'Jum il-Gudja kellna attivitajiet tajbin fejn in-nies ipparteċipaw kemm f'dak li huwa ta' divertiment kif ukoll fejn tidħol storja u kultura u dan grazzi tal-introduzzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2' li ġie ppubblikat mis-Sur Bertram Portelli bl-għajnuna sħiħa tal-Kunsill Lokali tal-Gudja.

b. Serata Gudjana f'Jum il-Gudja 2018. Is-Sur Caruana qal li f'din is-serata ma kienx f'postu xi kliem xejn xieraq jew ċajt fuq minorenni li sar mill-kantant mistieden mill-Kunsill għall-aħħar parti ta' din is-serata. Il-Kunsill b'mod unanimu ddissoċċja ruħu minn kull kliem jew ċajt li seta' jweġġa', anzi fil-fatt

jidher li weġġa' l-morali ta' ħafna persuni preżenti meta waqt li ntqal dan iċ-ċajt kien hemm anke żgħar.

c. L-andament waqt il-programm ta' Jum il-Gudja 15/07/2018. Is-Sur Caruana qal li meta l-programm kien maqbul u infurmat minn qabel, il-Kunsill għandu jkun kawt u ma jkunx hemm bidliet improntu. Il-Kunsill għandu jkun responsabbli biżżejjed biex jibqa' leali ma' dak il-programm mfassal sabiex kulħadd ikollu l-ħin adekwat u s-serata tkun serena aktar milli fregmentata u b'nuqqas ta' kontroll.

   Is-Sur Caruana qal li huwa tajjeb li l-Kunsill isib talent ta' persuni mill-Gudja li jixtiequ jagħtu sehemhom iżda dan għandu jsir bi pjan u arranġament minn qabel ħalli s-serata tkun organizzata sewwa minn qabel u li ħadd ma jiġi mfixkel jew jibqa' barra milli joffri t-talent tiegħu kif mixtieq.

d. Tifkiriet ta' rikonoxximent. Is-Sur Caruana qal li huwa tajjeb li l-Kunsill jagħti formalment tifkira b'rikonoxximent iżda l-Kunsill għandu jippubblika lista tal-persuni u jitlob informazzjoni minn qabel sabiex il-Kunsill ikun ċert li ħadd ma jitħalla barra.

e. Tifkira tal-għeluq mill-25 sena tat-twaqqif tal-Kunsill u n-nuqqas tal-mass band f'Jum il-Gudja 2018. Is-Sur Caruana qal li filwaqt li jirrikonoxxi l-ħidma u l-ħsieb nobbli tal-Kunsill fl-għeluq il-25 sena tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali u dan b'tifkira mill-isbaħ, kien għall-ewwel darba wara bosta snin li l-Kunsill ma nkludiex liż-żewġ soċjetajiet mużikali sabiex iferrħu lir-restidenti matul din il-ġurnata (Jum il-Gudja 18) li hija tant importanti kemm għall-Gudja kif ukoll għall-istess residenti.

f. Sleeping policeman ta' Triq Bir Miftuħ, il-Gudja. Is-Sur Caruana staqsa x'wassal sabiex l-isleeping policeman ta' Triq Bir Miftuħ meta nqalet bil-premessa li kellha xi ħsara konsiderevoli, din ma reġgħatx twaħħlet lura u dan l-aġir qed joħloq ħafna problemi u żdied ir-riskju għas-saħħa u sigurtà tar-residenti u tas-sewwieqa li huma bosta li għal xi raġuni jew oħra jiffrekwentaw l-inħawi.

g. Il-problema tal-ħamiem selvaġġ fil-Gudja. Is-Sur Caruana qal li fid-dawl ta' dak li ntqal fil-laqgħa plenarja tal-AKL li saret aktar kmieni dan ix-xahar, il-Kunsill li għandu problema bil-ħamiem fil-lokalità tagħna, jitlob lill-AKL għal tagħrif u għajnuna sabiex tittieħed azzjoni xierqa dwar din il-problema.

   Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li jitlob lill-AKL kull għajnuna possibbli sabiex din il-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem tiġi indirizzata u possibbilment eliminata.

h. Sigurtà u osservanza tal-liġi fi spazju miftuħin, ġonna u postijiet oħra fil-Gudja. Is-Sur Caruana qal li hemm ħtieġa kbira li fi spazji miftuħa u ġonna pubbliċi għandu jkun hemm sorveljanza siewja mill-Pulizija sabiex din is-sorveljanza toħloq aktar sigurtà f'dawn il-ġonna u spazji pubbliċi sabiex

dawn jiġu mħarsa sabiex ma jsirux ħsarat, vandaliżmu u atti oħra ta' ħsara u li dawk kollha li jkunu jixtiequ jagħmlu użu minn dawn il-postijiet ikunu jistgħu jagħmlu dan b'serħan tal-moħħ u sigurtà.

Is-Sindku wieġeb li huwa kien qed jaħdem mal-Pulizija dwar CCTVs kameras li jiġu wkoll ikkontrollati mill-Pulizija Eżekuttiva sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni f'waqtha meta jkun hemm atti vandali u abbuż li tagħmel ħsara kbira lill-Gudja u lir-residenti tal-Gudja.

i. Fuq punti oħra li qajjem is-Sur Caruana s-Sindku wieġeb li fir-rigward tal-ispeeling policeman fi Triq Bir Miftuħ li l-Kunsill kien qabel li dan ma jistgħux jerġgħu sservu għaliex ħadd ma jridhom u mhux sejrin jerġgħu jsiru.

Is-Sur Caruana rribatta li għandu jitniżżel dak li kien qed jgħid is-Sindku li dan is-sleeping policeman mhux sejrin jsiru fi Triq Bir Miftuħ.

Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jikseb il-pariri tat-TM għaliex fil-fehma tiegħu l-isleeping policeman fi Triq Bir Miftuħ huma ta' ħtieġa kbira u mhux xi forma ta' ornament.

107.5.3 George Fenech (Kunsillier)

a. Ringrazzjament. Is-Sur Fenech beda b'ringrazzjament lis-Sindku u l-Viċi Sindku tal-ġest simboliku li ngħata kull kunsillier għall-ħidma tiegħu u tagħha bħala kunsillier liema għotja ngħatat waqt il-Lejla Gudjana mtellgħa f'Jum il-Gudja nhar il-Ħadd 15 ta' Lulju 2018.

b. Junction li tagħti minn Triq il-Gudja għal Dawret il-Gudja, int u ħiereġ minn ħdejn il-ċimiterju ta' Ħal Luqa għal Dawret il-Gudja direzzjoni lejn l-Ajruport. Is-Sur Fenech stqarr u ġibed l-attenzjoni li għalkemm il-Kunsill ma rnexxielux jasal fi ftehim mal-LESA fuq CCTV kamera fil-junction li tagħti minn Triq il-Gudja inti u ħiereġ minn ħdejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa għal Dawret il-Gudja direzzjoni lejn l-ajruport, TM għamel bollards siewja sabiex tevita kontravenzjonijiet li kienu qed isiru u b'hekk naqas il-periklu li kien eżistenti.

Is-Sur G. Fenech osserva li l-aħħar bollard hija wisq viċin is-central strip u għalhekk ikun għaqli li l-Kunsill jikteb lit-TM sabiex din tiġi rranġata kif meħtieġ. Hemm bżonn ukoll li jinżebgħu s-sinjali tat-triq u li jagħtu indikazzjoni ċara ta' kif għandu jimxi t-traffiku.

c. Intelligent lighting fi Triq il-Kbira. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni dwar l-intelligent traffic lights li ilhom jissemmew snin għal Triq il-Kbira, il-Gudja. Is-Sur Fenech qal li sa żmien ilu t-TM tat parir tagħha f'korrispondenza tal-15 ta' Mejju 2018 fejn issuġġerit li t-triq kellha tiġi one way. Waqt dan l-istadju s-Sindku oġġezzjona għal dak li kien qed jingħad u wara qal li ddejjaq jisma' dejjem l-istess ilment. Is-Sindku stqarr li Triq il-Kbira ma tistax tiġi one way għax fost raġunijiet oħra din it-triq tintuża minn bosta bdiewa li għandhom l-għelieqi fit-tarf ta' din it-triq speċjalment inti u ħiereġ lejn Triq Ħal Far.

Saret diskussjoni dwar dak li stqarr is-Sindku u s-Sur Caruana qal li minħabba l-ħtieġa u l-importanza li Triq il-Kbira, speċjalment li l-parti d-dejqa tkun aktar sigura, il-Kunsill għandu jibqa' jinsisti fuq sistema ta' traffic lights.

d. Linji sofor. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li l-linji sofor li hemm fid-dawra ta' Wesgħet Anġlu Dalli u quddiem xi bibien ta' residenti privati qegħdin hemm kontra l-liġi u mingħajr il-permessi meħtieġa tat-TM.

Is-Sur Fenech stqarr ukoll li qed issir ipparkajar bl-addoċċ minn karozzi tal-kiri li s-sidien tagħhom qed jagħmlu użu minn stabbiliment kummerċjali fi Triq il-Kbira meta jidher li dan ma ħallas l-ebda kontribuzzjoni għall-parkeġġ li ma pprovdiex fl-istess binja għaliex skont is-sid u kif qal huwa (is-sid) waqt laqgħa pubbliku kien qal li ma kienx hemm bżonn ta' parkeġġ għall-istabbiliment tiegħu.

e. Tabelli mal-ġonna – Ġnien taż-Żgħażagħ u Ġnien il-Qari. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li twaħħlu tabelli ma' dawn il-ġonna fejn jindikaw li f'każ ta' emerġenza wieħed għandu jinforma l-Għassa taż-Żejtun.

Is-Sur Fenech qal li huwa kien qed joġġezzjona għal fatt li l-Gudja għandha l-konfini tagħha kif ukoll l-Għassa tal-Pulizija tagħha u għalhekk ma setax jaċċetta li wieħed irrid jirrikorri għall-Għassa taż-Żejtun u jista' jkun hemm dewmien qabel tingħata l-assistenza tal-Pulizija meta din tkun meħtieġa bl-akbar urġenza.

F'dan l-istadju s-Sindku intervjena billi qal li dawn it-tabelli issa twaħħlu, iżda dawn jistgħu jinbidlu meta l-kitba fuqhom tkun iċċarat.

Is-Sindku stieden ukoll lis-Sur Fenech li jekk għandu xi problema għax l-Għassa tal-Gudja tkun magħluqa huwa (is-Sur Fenech) għandu jagħmel kuntatt mal-Ispettur tal-Għassa taż-Żejtun u jagħmel l-oġġezzjoni tiegħu dwar il-fatt li l-Għassa tal-Gudja tkun magħluqa ta' spiss. Is-Sindku qal li huwa ddejjaq jisma' dwar dan għaliex huwa ma għandu l-ebda rimedju sabiex isolvi din il-problema.

g. Inċident li seħħ fil-Librerija G. Zammit. Is-Sur Fenech staqsa f'hiex wasal ir-rapport li kien sar meta huwa (is-Sur Fenech) flimkien ma' Kunsillier ieħor ġew aggrediti ġewwa l-librerija – librerija pubblika. Is-Sur Fenech fakkar ukoll li kienet għadha ma ħarġet l-ebda stqarrija mis-Sindku u għalhekk iħoss li hemm ħtieġa ta' tweġiba għaliex meta hemm involuti żewġ kunsilliera li ġew aggrediti waqt il-qagħdi tad-dmir tagħhom f'post pubbliku li huwa wkoll amministrat mill-Kunsill dan il-fatt ma jistax jiġi injorat mis-Sindku u għalhekk huwa (is-Sur Fenech) kien qed jesiġi li jingħata tweġiba.

Is-Sindku wieġeb billi qal li huwa kien għadu qed jistenna li l-Pulizija tagħmel kuntatt miegħu peress li meta seħħ dan l-inċident kien diġà hemm l-

intervent tal-Pulizija tar-Rapid Intervention Unit (RIU) u Pulizija oħra u ma kienx f'pożizzjoni li jkun jaf x'passi qed tieħu l-Pulizija dwar dan il-każ.

h. Laqgħa mal-PA – talba dwar ideat ta' proġetti utili għall-Gudja. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li wara l-laqgħa li seħħet mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar li l-Kunsill kien qed iħoss ġustament li jieħu sehem aktar mill-fondi tal-capital gain dwar żvilupp propost mill-MIA għaliex dan jolqot bil-wisq lill-Gudja mill-inħawi oħra, is-Sur Fenech fakkar li l-PA tkun tista' tgħin direttament fil-finanzjament ta' proġetti li jkun sejjer jagħmel il-Kunsill.

Is-Sur Fenech qal li dwar dan huwa kien qed jissuġġerixxi li l-parkeġġ fi Triq Ħal Resqun faċċata tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja jsir multi storey underground parking u dan sabiex tittaffa parti mill-problema li teżisti fil-Gudja dwar spazji ta' parkeġġ. F'dan il-proġett ir-residenti Gudjani jkunu jistgħu jingħataw parkeġġ bla ebda ħlas u b'hekk din il-problema ta' parkeġġ tkun tista' tittaffa b'mod konsiderevoli.

**107.6.0 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2'**

107.6.1 Is-Sur Fenech informa lill-Kunsill dwar dak li kien qed iseħħ u jiġi preparat dwar din il-pubblikazzjoni.

Il-Kunsill qabel u ddeċieda kif sejjer jingħad.

L-ammont ta' €2121.00 dwar l-istampar ta' 500 kopja jitħallas kompletament mill-Kunsill Lokali tal-Gudja. Id-drittijiet kollha dwar il-ktieb tinżamm mill-Editur u l-Pubblikatur. Dan ikun qed juri rikonoxximent għax-xogħol tas-Sur Bertram Portelli.

Is-Sur Portelli jingħata 100 ktieb ta' Omm ta' Bosta Wlied 2 u l-kumplament jinżamm mill-Kunsill. Is-Sur Portelli huwa liberu li jiddisponi mill-għotja ta' 100 kopja kif ikun jixtieq.

Il-Kunsill minbarra li jkun jista' jagħti xi kotba b'mod komplimentarju, ikun jista' jiddisponi b'donazzjoni ta' €10 għal kull ktieb.

Jekk il-Kunsill juża xi mezzi ta' kif jiddisponi mill-kotba billi jkun hemm l-involviment ta' terzi l-Kunsill ikun jista' jawtorizza li mill-€10 ta' kull kopja, min ikun qed jassisti l-Kunsill jingħata €2 lura u għalhekk il-Kunsill ikun daħħal €8 netti. Meta l-Kunsill ikun iddispona kopja jew kopji mill-bini tal-Kunsill l-għotja tkun ta' €10 u tinżamm mill-Kunsill sabiex ikun jista' jkopri l-ispejjeż.

Il-flus li daħħlu mit-tqassim b'donazzjoni ta' 36 ktieb bi €8 donazzjoni għal kull ktieb li tlaħħaq il-somma ta' €288 (peress li dan seħħ waqt it-tnedija u d-donazzjoni kienet ta' €8 u mhux ta' €10) se jidħlu għand il-Kunsill sabiex ikunu parti li jtaffu l-ispejjeż.

Kien hemm ukoll 35 kopji tal-ktieb li tqassmu bla ebda donazzjoni lil persuni distinti.

Il-Kunsill b'hekk sejjer jirċievi fi żmien qasir 329 kopja tal-ktieb u €288.

Il-Kunsill qabel ukoll illi fi żmien propizju l-Kunsill ipoġġi kopji ta' dan il-ktieb fil-Librerija Pubblika tal-Kunsill.

**107.7.0 Monument tal-Gudja – progress**

107.7.1 Is-Sur Fenech ippreżenta abbozz magħmul mis-Sur John Gravina li juri l-kompożizzjoni u l-qofol tal-ħsibijiet u simboli kif sottomessi mill-erba' kompetituri oriġinali.

Is-Sur Fenech qal li huwa kien qed jippjana sabiex ikun jista' jimxi 'l quddiem fit-twettiq ta' dan il-proġett bil-parteċipazzjoni tal-istess parteċipanti oriġinali.

Is-Sur Fenech qal ukoll li l-Kunsill jista' japplika sabiex jibbenefika minn fondi li qed jiġu offruti mill-Kunsill tal-Arti u l-Kultura taħt skema bl-isem ta' Project Support Grant.

Il-Kunsill qabel ukoll li jsaqsi lit-TM dwar xi proġetti li jista' jkollhom dwar ir-roundabout biswit Palazzo d'Aurel fid-daħla tal-Gudja.

**107.8.0 *Bye-law* dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja - progress**

107.8.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-progress u l-proċedura meħtieġa sakemm il-bye law proposta tasal għall-finali approvazzjoni skont il-liġi.

**107.9.0 Fondi – Miżura 4.3 – toroq rurali**

107.9.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-aġġudikazzjoni finali u li ma kienx hemm appelli u għalhekk l-kuntrattur magħżul li jwettaq dan ix-xogħol huwa Impresa Salvatore Cassarino.

Il-Kunsill approva li s-Sur Cassarino jingħata l-kuntratt skont is-sottomissjoni tal-BOQs u bil-kundizzjonijiet meħtieġa dwar il-provedimenti tas-servizz kif meħtieġa.

Il-Kunsill qabel ukoll li jkun hemm is-sorveljanza tal-Perit tal-Kunsill u l-Quantity Surveyor is-Sur Kevin Borg.

Il-Kunsill qabel ukoll li jimxi skont il-provedimenti tal-WSC u TM.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-project leader jagħmel dak kollu possibbli u jikseb l-għajnuna meħtieġa sabiex dan il-proġett jibda u jitlesta skont kif approvat

mill-EAFRED Managing Authority u li jiġu lesta kompletament bid-dokumentazzjoni kollha sat-30 ta' Novembru 2018.

**107.11.0 Resurfacing ta' Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja**

107.11.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni tal-pjanta kif sottomessa mill-Perit Christine Muscat ta' DPlan u qabel li jikseb aktar dettalji dwar dak li kien qed jiġi propost.

Il-Kunsill qabel li l-biċċa tan-nofs ta' wiċċ din it-triq għandha tkun lixxa sabiex tassigura li persuni speċjalment dawk bi bżonnijiet speċjali jkunu jistgħu jgħaddu minn din il-parti tat-triq bla ebda diffikultà.

Il-Kunsill qabel ukoll sabiex jaħdem flimkien mal-Perit u l-QS sabiex tinħareġ it-tender dwar ix-xogħlijiet kif meħtieġa u li jkunu maqbula mal-Kunsill u li jiġi assigurat li x-xogħlijiet jilqgħu għal ħtiġijiet kemm f'livelli kif ukoll f'materjal li jkun jixraq l-ambjent tal-madwar.

Ġie ssuġġerit ukoll li jkun hemm sistema ta' katusi vojta fil-każ li jkunu jistgħu jintużaw għal xi sistema ta' dawl bis-solar jew LED li tixgħel it-triq.  Dwar dan il-Kunsill qabel li jittieħdu parir mill-Perit u nies esperti f'dan il-qasam.

**107.11.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

107.11.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti nru 58/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku R. Baldacchino għall-ammont totali ta' €18,304.07.

Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet ukoll iffirmata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**107.12.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

107.12.1 Xogħol ta' toroq fil-qalba tal-Gudja fosthom Triq Sta Katarina u l-inħawi.  Il-Kunsill ħa konjizzjoni tal-programm ta' xogħlijiet ta' toroq b'baġit ta' €700m fi żmien 7 snin.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li bosta mit-toroq fil-qalba tal-Gudja jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-fondi u li jsiru b'materjal xieraq li jkunu jirrispetta l-ambjent tal-madwar.

Il-Kunsill qabel li jitlob laqgħa mal-Inġ Frederick Azzopardi, CEO ta' Infrastruttura Malta sabiex jiġu diskussi l-ħtiġijiet tal-Kunsill f'dan ir-rigward u li jkun hemm pjan ta' ħidma sabiex dak meħtieġ jiġi mwettaq skont l-istess pjan u dan isir b'konsultazzjoni diretta mal-Kunsill li jkun jista' jinforma r-residenti dwar dak li jkun sejjer iseħħ.

Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm dan il-pjan maqbul u approvat mill-Infrastruttura Malta, il-Kunsill ikun f'qagħda aħjar sabiex jippjana l-baġit u l-

finanzjament tiegħu dwar il-proġetti oħra li jkun jista' jwettaq u jiffinanzja direttament.

107.12.2 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-7.40pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tlieta 21 ta' Awwissu 2018 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv